# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

16 ta’ Frar 2023*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni diretta – Taxxa fuq il-kumpanniji – Artikoli 49, 63 u 64 TFUE – Libertà ta’ stabbiliment – Moviment liberu tal-kapital – Trasferiment ta’ attivi fi ħdan grupp ta’ kumpanniji – Kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta’ taxxa fi Stat Membru li l-kumpannija omm tagħha għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta’ taxxa fi Stat Membru ieħor u li l-kumpannija oħt tagħha għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta’ taxxa f’pajjiż terz – Trasferiment ta’ drittijiet ta’ proprjetà intellettwali tal-kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta’ taxxa fi Stat Membru lill-kumpannija oħt tagħha li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta’ taxxa f’pajjiż terz – Trasferiment mill-kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta’ taxxa fi Stat Membru ta’ azzjonijiet ta’ waħda mis-sussidjarji tagħha lill-kumpannija omm tagħha li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta’ taxxa fi Stat Membru ieħor – Korrispettiv ugwali għall-valur fis-suq tal-attivi ttrasferiti – Eżenzjoni fiskali jew obbligu fiskali skont l-Istat tas-sede tal-kumpannija benefiċjarja”

Fil-Kawża C-707/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) (il-Qorti Superjuri (Awla tat-Taxxa u tal-Ekwità), ir-Renju Unit), permezz ta’ deċiżjoni tad-29 ta’ Diċembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta’ Diċembru 2020, fil-proċedura

**Gallaher Limited**

vs

**The Commissioners for Her Majesty’s Revenue and Customs,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Jürimäe, Presidenta tal-Awla, M. Safjan, N. Piçarra, N. Jääskinen (Relatur) u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Gallaher Limited, minn I. Afzal, barrister, P. Baker, QC, S. Bond u E. Buxton, solicitors,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn L. Baxter, F. Shibli u J. Simpson, bħala aġenti, assistiti minn R. Baldry, QC, u minn B. Elliott, barrister,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn P.-J. Loewenthal u W. Roels, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Settembru 2022,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49, 63 u 64 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Gallaher Limited (iktar 'il quddiem "GL"), kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit, u l-Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs (l-Amministrazzjoni Fiskali u Doganali, ir-Renju Unit) (iktar 'il quddiem l-"amministrazzjoni fiskali") fir-rigward tal-impożizzjoni fuq GL ta' obbligu fiskali, mingħajr dritt li tipposponi l-ħlas tat-taxxa, għal dak li jikkonċerna żewġ tranżazzjonijiet ta' trasferiment ta' attivi lil kumpanniji li ma għandhomx ir-residenza tagħhom għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit, li jifformaw parti mill-istess grupp bħal GL.

### Il-kuntest ġuridiku

### *Il-Ftehim dwar il-ħruġ*

3 Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 7, iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar il-ħruġ") ġie approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 (ĠU 2020, L 29, p. 1).

4 Skont il-preambolu tal-Ftehim dwar il-ħruġ, id-dritt tal-Unjoni fl-intier tiegħu jieqaf, bla ħsara għall-modalitajiet iddefiniti f'dan il-ftehim, milli jkun applikabbli għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmi ftehim.

5 Il-ftehim dwar il-ħruġ jipprevedi, fl-Artikolu 126 tiegħu, perijodu tranżitorju, li jibda fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, li matulu d-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli fir-Renju Unit, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-imsemmi ftehim.

6 L-Artikolu 86 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, intitolat "Kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea", jipprevedi, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

"2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkompli jkollha l-ġuriżdizzjoni biex tieħu deċiżjonijiet preliminari dwar talbiet mill-qrati u t-tribunali tar-Renju Unit li jsiru qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, […] t-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari għandhom jitqiesu li jkunu saru […] fil-mument li d-dokument li jiftaħ il-proċedimenti jkun ġie rreġistrat mir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja […]"

7 L-Artikolu 89(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ jgħid li:

"Sentenzi u digrieti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mogħtija qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kif ukoll sentenzi u digrieti tali mogħtija wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fil-proċedimenti msemmija fl-Artikoli 86 u 87, għandhom ikunu legalment vinkolani fl-intier tagħhom fil-konfront tar-Renju Unit u fir-Renju Unit."

8 Skont l-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

### *Id-dritt tar-Renju Unit*

9 Skont l-Artikoli 2 u 5 tal-Corporation Tax Act 2009 (il-Liġi tal-2009 dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji, iktar 'il quddiem iċ-"CTA 2009") u l-Artikolu 8 tat-Taxation of Chargeable Gains Act 1992 (il-Liġi tal-1992 dwar it-Taxxa fuq il-Qligħ Kapitali, iktar 'il quddiem it-"TCGA 1992"), kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit hija suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji fuq il-profitti kollha tagħha (inkluż il-qligħ kapitali) magħmula matul is-sena finanzjarja kkonċernata.

10 Konformement mal-Artikolu 5(3) taċ-CTA 2009, kumpannija li ma għandhiex ir-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit iżda li teżerċita attività kummerċjali permezz ta' stabbiliment permanenti fir-Renju Unit hija suġġetta għat-taxxa fuq il-profitti attribwibbli għal dan l-istabbiliment permanenti. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 B tat-TCGA 1992, tali kumpannija hija suġġetta għat-taxxa fuq il-qligħ kapitali li hija tagħmel waqt it-trasferiment ta' attivi jekk dawn l-attivi jkunu jinsabu fir-Renju Unit u jekk dawn jintużaw għall-bżonnijiet tal-attività kummerċjali jew għal dawk tal-istabbiliment permanenti. Dawn l-attivi huma kklassifikati bħala "attivi taxxabbli" mill-Artikolu 171(1 A) tat-TCGA 1992.

11 Skont l-Artikoli 17 u 18 tat-TCGA 1992, it-trasferiment ta' attivi jitqies li jkun sar għal remunerazzjoni ugwali għall-valur fis-suq ta' dawn l-attivi meta dan it-trasferiment ma jsirx fil-kuntest ta' ftehim konkluż taħt kundizzjonijiet li ma humiex il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni normali jew meta jsir favur persuna konnessa.

12 L-Artikolu 170 tat-TCGA 1992 jistabbilixxi li:

"(1) Dan l-artikolu għandu l-effett li jinterpreta l-Artikoli 171 sa 181, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor […].

(2) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor,

[…]

(b) il-paragrafi (3) sa (6) iktar ’il quddiem għandhom japplikaw sabiex jiġi ddeterminat jekk kumpanniji jifformawx grupp u, jekk ikun il-każ, liema hija l-kumpannija prinċipali tal-grupp;

[…]

(d) il-kunċetti ta’ ‘grupp’ u ta’ ‘sussidjarja’ għandhom jiġu interpretati bl-adattamenti kollha neċessarji meta dawn japplikaw għal kumpannija kkostitwita skont id-dritt ta’ Stat li ma huwiex ir-Renju Unit.

(3) Bla ħsara għall-paragrafi (4) sa (6) hawn taħt,

(a) kumpannija (ikklassifikata iktar ’il quddiem u fl-Artikoli 171 sa 181 bħala ‘kumpannija prinċipali tal-grupp’) u s-sussidjarji kollha tagħha miżmuma b’75 % tal-ishma jifformaw grupp; jekk waħda minn dawn is-sussidjarji jkollha sussidjarji miżmuma b’75 % tal-ishma, dawn għandhom jiġu inklużi fil-grupp, bl-istess mod bħas-sussidjarji tagħhom miżmuma b’75 % tal-ishma, *et cetera*, iżda

(b) grupp ma għandu jinkludi ebda kumpannija (minbarra l-kumpannija prinċipali tal-grupp) li ma hijiex sussidjarja effettiva miżmuma b’51 % tal-ishma mill-kumpannija prinċipali tal-grupp.

(4) Kumpannija ma tistax tkun il-kumpannija prinċipali ta’ grupp jekk hija stess tkun sussidjarja miżmuma b’75 % tal-ishma minn kumpannija oħra.

[…]”

13 L-Artikolu 171 tat-TCGA 1992 u l-Artikoli 775 u 776 taċ-CTA 2009 (iktar ’il quddiem ir-“regoli dwar it-trasferiment ta’ grupp”) jipprovdi li trasferiment ta’ attivi, li jsir bejn kumpanniji fi grupp suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji fir-Renju Unit, għandu jseħħ fuq bażi fiskalment newtrali.

14 L-Artikolu 171 tat-TCGA 1992 jistabbilixxi li:

“(1) Meta

(a) kumpannija (‘kumpannija A’) tittrasferixxi attiv lil kumpannija oħra (‘kumpannija B’) f’data li fiha ż-żewġ kumpanniji jappartjenu għall-istess grupp u

(b) il-kundizzjonijiet tal-paragrafu (1A) hawn taħt huma ssodisfatti,

il-kumpannija A u l-kumpannija B għandhom jiġu ttrattati, għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kumpanniji imposta fuq il-qligħ kapitali, bħallikieku dak l-attiv kien ġie akkwistat mill-kumpannija B inkambju għal remunerazzjoni ta’ ammont tali li jiggarantixxi li l-kumpannija A la tirreġistra qligħ kapitali u lanqas telf waqt it-trasferiment.

(1A) Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (l)(b) iktar ’il fuq huma s-segwenti:

(a) il-kumpannija A tkun residenti fir-Renju Unit fid-data tat-trasferiment, jew l-attiv ikun attiv taxxabbli għal din il-kumpannija immedjatament qabel din id-data, u

(b) il-kumpannija B tkun residenti fir-Renju Unit fid-data tat-trasferiment, jew l-attiv huwa attiv taxxabbli għal din il-kumpannija immedjatament wara din id-data.

Għal dan il-għan, attiv huwa ‘attiv taxxabbli’ għal kumpannija f’data partikolari meta, jekk l-attiv kellu jiġi ttrasferit minn din il-kumpannija f’dik id-data, kull qligħ kapitali magħmul mill-kumpannija jkun qligħ kapitali taxxabbli u jkun jagħmel parti, skont l-Artikolu 10B, mill-profitti taxxabbli tagħha għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kumpanniji.

[…]”

15 L-Artikolu 775 taċ-CTA 2009 jgħid li:

“(1) It-trasferiment ta’ assi intanġibbli ta’ kumpannija (iċ-‘ċedent’) lil kumpannija oħra (iċ-‘ċessjonarju’) huwa fiskalment newtrali għall-finijiet ta’ din il-parti jekk

(a) fid-data tat-trasferiment, iż-żewġ kumpanniji jappartjenu għall-istess grupp,

(b) immedjatament qabel it-trasferiment, l-attiv inkwistjoni jikkostitwixxi, għaċ-ċedent, attiv intanġibbli taxxabbli, u

(c) immedjatament wara t-trasferiment, l-attiv inkwistjoni jikkostitwixxi, għaċ-ċessjonarju, attiv intanġibbli taxxabbli.

(2) Għall-konsegwenzi ta’ trasferiment fiskalment newtrali għall-finijiet ta’ din il-parti, ara l-Artikolu 776.

[…]”

16 L-Artikolu 776 taċ-CTA 2009 jistabbilixxi li:

“(1) Dan l-artikolu jistabbilixxi l-konsegwenzi ta’ trasferiment ta’ attiv li huwa “fiskalment newtrali” għall-finijiet ta’ din il-parti.

(2) It-trasferiment għandu jiġi ttrattat għal dawn il-finijiet bħala li ma jimplikax

(a) il-likwidazzjoni tal-attiv miċ-ċedent, jew

(b) l-akkwist tal-attiv miċ-ċessjonarju.

Iċ-ċessjonarju għandu jiġi ttrattat għal dawn il-finijiet

(a) bħala li żamm l-attiv f’kull mument meta dan kien miżmum miċ-ċedent, u

(b) bħala li wettaq id-diliġenza dovuta kollha relatata mal-attiv li tkun twettqet miċ-ċedent.

(4) B’mod partikolari,

(a) l-ispiża inizjali tal-attiv f’idejn iċ-ċedent għandha tiġi ttrattata bħala l-ispiża inizjali tal-atiiv f’idejn iċ-ċessjonarju, u

(b) il-krediti u d-debiti kollha relatati mal-attiv li ttieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet fiskali miċ-ċedent skont din il-parti għandhom jiġu ttrattati daqslikieku kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni miċ-ċessjonarju.

(5) Ir-riferimenti għall-ispiża tal-attiv fil-paragrafu (4)(a) jirrigwardaw l-ispiża rrikonoxxuta għal finijiet fiskali."

17 L-Artikolu 764 taċ-CTA 2009 jgħid li:

"(1) Dan il-Kapitolu japplika għall-finijiet ta' din il-parti sabiex jiġi ddeterminat jekk kumpanniji jiffurmawx grupp u, jekk ikun il-każ, x'inhi l-kumpannija prinċipali tal-grupp.

[…]"

18 L-Artikolu 765 taċ-CTA 2009 jipprevedi li:

"(1) Ir-regola ġenerali hija li

(a) kumpannija ('A') u s-sussidjarji kollha tagħha miżmuma b'75 % tal-ishma jifformaw grupp, u

(b) jekk waħda minn dawn is-sussidjarji jkollha sussidjarji miżmuma b'75 % tal-ishma, il-grupp għandu jinkludihom, kif ukoll is-sussidjarji tagħhom miżmuma b'75 % tal-ishma, *et cetera*.

(2) A hija indikata f'dan il-kapitolu u fil-Kapitolu 9 bħala l-kumpannija prinċipali tal-grupp.

(3) Il-paragrafi (1) u (2) huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet segwenti ta' dan il-kapitolu."

19 L-Artikolu 767 taċ-CTA 2009 jistabbilixxi li:

"(1) Ir-regola ġenerali hija li kumpannija ('A') ma tkunx il-kumpannija prinċipali ta' grupp jekk hija stess tkun sussidjarja miżmuma b'75 % tal-ishma ta' kumpannija oħra ('B').

[…]"

20 L-Artikolu 59D tat-Taxes Management Act 1970 (il-Liġi tal-1970 dwar il-Ġestjoni tat-Taxxi, iktar 'il quddiem it-"TMA 1970") jipprevedi li:

"(1) It-taxxa fuq il-kumpanniji fir-rigward ta' sena finanzjarja hija dovuta u eżiġibbli fil-jum ta' wara l-iskadenza ta' perijodu ta' disa' xhur mit-tmiem ta' dik is-sena finanzjarja.

(2) Jekk it-taxxa dovuta mbagħad tinqabeż mit-total tal-ammonti rilevanti kollha mħallsa preċedentement (kif jirriżultaw mid-dikjarazzjoni tat-taxxa fuq il-kumpanniji korrispondenti), l-eċċess għandu jiġi rrimborsat.

[…]"

21 Skont l-Artikolu 87A tat-TMA 1970, l-interessi huma dovuti fuq it-taxxa mhux imħallsa sa mid-data li fiha din tkun eżiġibbli.

22 Skont l-Artikoli 55 u 56 tat-TMA 1970, meta deċiżjoni tal-amministrazzjoni fiskali (inkluż avviż ta' għeluq parzjali) li timmodifika d-dikjarazzjoni ta' kumpannija għal perijodu finanzjarju partikolari tkun is-suġġett ta' rikors quddiem il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali), ir-Renju Unit), il-ħlas tat-taxxa stabbilita jista' jiġi pospost bi ftehim mal-amministrazzjoni fiskali jew fuq talba ppreżentata quddiem il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali)), b'mod li din it-taxxa ssir eżiġibbli biss meta tkun ingħatat deċiżjoni fuq ir-rikors ippreżentat quddiem l-imsemmija qorti.

23 L-Artikolu 13(5) tal-konvenzjoni konkluża bejn ir-Renju Unit u l-Konfederazzjoni Svizzera u li hija intiża sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja, ispirata mill-mudell ta' konvenzjoni fiskali tal-Organizzazzjoni għall-kooperazzjoni u għall-iżvilupp ekonomiku (OECD) dwar id-dħul u l-ġid, jipprevedi li l-qligħ kapitali li jirriżulta minn trasferiment ta' attivi, bħal dawk involuti fil-proċeduri inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huma taxxabbli biss fit-territorju fejn iċ-ċedent ikun residenti.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

24 GL tappartjeni għall-grupp ta' kumpanniji Japan Tobacco Inc. (iktar 'il quddiem il-"grupp JT").

25 Il-grupp JT huwa grupp ta' dimensjoni dinjija li jiddistribwixxi prodotti tat-tabakk f'130 pajjiż madwar id-dinja. Il-kumpannija li hija l-kap ta' dan il-grupp hija kumpannija kkwotata fil-borża li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fil-Ġappun.

26 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kumpannija li hija l-kap tal-grupp JT għall-Ewropa hija JTIH, kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fil-Pajjiżi l-Baxxi (iktar 'il quddiem il-"kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi") u li hija l-kumpannija omm indiretta ta' GL, fejn ir-rabta ta' parentela bejn il-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi u GL inħolqot permezz ta' erba' kumpanniji oħra, kollha stabbiliti fir-Renju Unit.

27 Matul is-sena 2011, GL ittrasferixxiet lil kumpannija oħt, JTISA, li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fl-Isvizzera (iktar 'il quddiem il-"kumpannija Svizzera") u li hija sussidjarja diretta tal-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi, drittijiet ta' proprjetà intellettwali relatati ma' trade marks tat-tabakk kif ukoll attivi relatati (iktar 'il quddiem it-"trasferiment tal-2011"). Ir-remunerazzjoni rċevuta minn GL inkambju għal dan it-trasferiment tħallset mill-kumpannija Svizzera, li, għal dan il-għan, ingħatat self bejn il-kumpanniji mill-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-ammont li jikkorrispondi għal dak ta' din ir-remunerazzjoni.

28 Matul is-sena 2014, GL ittrasferiet it-total tal-kapital azzjonarju li hija kellha f'waħda mis-sussidjarji tagħha, kumpannija kkostitwita f'Isle of Man, lill-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi (iktar 'il quddiem it-"trasferiment tal-2014").

29 L-amministrazzjoni fiskali adottat avviżi ta' għeluq parzjali dwar rispettivament it-trasferiment tal-2011 u t-trasferiment tal-2014, li jiddeterminaw l-ammont tal-qligħ kapitali u tal-profitti taxxabbli li għamlet GL fil-kuntest ta' dawn it-trasferimenti matul is-snin finanzjarji rilevanti. Peress li ċ-ċessjonarji ma kellhomx ir-residenza tagħhom għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit, il-qligħ kapitali fuq l-attivi kien is-suġġett ta' obbligu fiskali immedjat, billi ebda dispożizzjoni tad-dritt fiskali nazzjonali ma kien jipprevedi l-posponiment ta' dan l-obbligu jew ta' ħlas tat-taxxa bin-nifs.

30 GL ippreżentat żewġ rikorsi kontra dawn iż-żewġ avviżi ta' għeluq parzjali quddiem il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali)).

31 Fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi, GL sostniet, essenzjalment, differenza fit-trattament fiskali bejn it-trasferimenti ta' attivi inkwistjoni fil-kawża prinċipali u t-trasferimenti li saru bejn il-membri ta' grupp ta' kumpanniji li għandhom ir-residenza tagħhom jew l-istabbiliment permanenti tagħhom fir-Renju Unit, li jibbenefikaw minn eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji. Fil-fatt, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-regoli ta' trasferiment ta' grupp jipprovdu li trasferiment ta' attivi li jsir bejn kumpanniji ta' grupp li huma suġġetti għat-taxxa fir-Renju Unit għandu jseħħ fuq bażi fiskalment newtrali.

32 Minn naħa, għal dak li jirrigwarda r-rikors ippreżentat kontra l-avviż ta' għeluq parzjali dwar it-trasferiment tal-2011 (iktar 'il quddiem ir-"rikors tal-2011"), GL sostniet, l-ewwel, li l-fatt li ma tistax tipposponi l-ħlas tal-obbligu fiskali kien jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tal-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi. It-tieni, sussidjarjament, hija sostniet li l-fatt li ma tistax tipposponi dan il-ħlas kien iwassal għal restrizzjoni għad-dritt tal-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi u/jew ta' GL għall-moviment liberu tal-kapital. It-tielet, GL argumentat li, għalkemm ir-Renju Unit, fuq il-bażi ta' tqassim ibbilanċjat tad-drittijiet ta' intaxxar bejn l-Istati Membri, kien awtorizzat jintaxxa l-qligħ kapitali magħmul, l-obbligu li t-taxxa titħallas immedjatament, mingħajr possibbiltà ta' posponiment tal-ħlas, kien sproporzjonat.

33 Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda r-rikors ippreżentat kontra l-avviż ta' għeluq parzjali dwar it-trasferiment tal-2014 (iktar 'il quddiem ir-"rikors tal-2014"), GL sostniet, l-ewwel, li l-fatt li ma tistax tipposponi l-ħlas tal-obbligu fiskali kien jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tal-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi. It-tieni, hija sostniet li, għalkemm, bħala prinċipju, ir-Renju Unit, abbażi ta' tqassim ibbilanċjat tad-drittijiet ta' intaxxar bejn l-Istati Membri, kien awtorizzat jintaxxa l-qligħ kapitali magħmul, l-obbligu li t-taxxa titħallas immedjatament, mingħajr possibbiltà ta' posponiment tal-ħlas, kien sproporzjonat.

34 Peress li kienet ppreżentat dawn ir-rikorsi tal-2011 u tal-2014, GL ipposponiet il-ħlas tat-taxxa fuq il-kumpanniji sakemm tingħata deċiżjoni fuq il-mertu, kif kellha dritt tagħmel, skont l-Artikolu 55 tat-TMA 1970.

35 Il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali)) ikkonkludiet li kull trasferiment ta' attivi kien jirrifletti bżonnijiet kummerċjali tajba, li ebda wieħed minn dawn it-trasferimenti ma kien jifforma parti minn skemi kompletament artifiċjali li ma jirriflettux ir-realtà ekonomika u li l-evażjoni fiskali ma kinitx tikkostitwixxi l-għan prinċipali jew wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' ebda wieħed mill-imsemmija trasferimenti.

36 Dik il-qorti ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni kien inkiser għal dak li jikkonċerna t-trasferiment tal-2014, iżda li dan ma kienx inkiser għal dak li jirrigwarda t-trasferiment tal-2011. Hija b'hekk laqgħet ir-rikors tal-2014, iżda ċaħdet dak tal-2011.

37 F'dan ir-rigward, għal dak li jirrigwarda r-rikors tal-2011, hija ddeċidiet b'mod partikolari li ma kinitx teżisti restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tal-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi. Għal dak li jikkonċerna d-dritt għall-moviment liberu tal-kapital, hija sostniet li dan id-dritt ma setax jiġi invokat, peress li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tapplika biss għall-gruppi komposti minn kumpanniji taħt kontroll komuni.

38 Fil-kuntest tar-rikors tal-2014, hija ddeċidiet b'mod partikolari li kienet teżisti restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tal-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi, li din il-kumpannija kienet oġġettivament paragunabbli għal kumpannija suġġetta għat-taxxa fir-Renju Unit u li l-assenza ta' dritt għall-posponiment tal-ħlas tal-obbligu fiskali kienet sproporzjonata.

39 GL appellat mid-deċiżjoni tal-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali)) li ċaħdet ir-rikors tal-2011 quddiem il-qorti tar-rinviju, l-Upper Tribunal (Tax Chancery Chamber) (il-Qorti Superjuri (Awla tat-Taxxa u tal-Ekwità), ir-Renju Unit). Min-naħa tagħha, l-amministrazzjoni fiskali appellat mid-deċiżjoni li laqgħet ir-rikors tal-2014 quddiem din l-istess qorti.

40 Il-qorti tar-rinviju tindika li l-kwistjoni li tqum fil-kawża prinċipali hija dwar jekk, fil-kuntest tat-trasferimenti tal-2011 u tal-2014, l-issuġġettar għal obbligu fiskali mingħajr il-possibbiltà ta' posponiment tal-ħlas tat-taxxa huwiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod iktar preċiż, għal dak li jikkonċerna dawn iż-żewġ trasferimenti, mal-libertà ta' stabbiliment prevista fl-Artikolu 49 TFUE, u, għal dak li jikkonċerna t-trasferiment tal-2011, mal-moviment liberu tal-kapital stabbilit fl-Artikolu 63 TFUE. Barra minn hekk, din il-qorti tistaqsi dwar il-miżura korrettiva xierqa li għandha tiġi prevista fl-ipoteżi fejn l-issuġġettar għal obbligu fiskali mingħajr il-possibbiltà ta' posponiment tal-ħlas tat-taxxa jitqies li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni.

41 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Upper Tribunal (Tax & Chancery Chamber) (il-Qorti Superjuri (Awla tat-Taxxa u tal-Ekwità)) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 63 TFUE jista' jiġi invokat fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħalma hija l-Group Transfer Rules (ir-Regoli dwar it-Trasferiment ta' Grupp), li tapplika biss fir-rigward ta' gruppi ta' kumpanniji?

2) Anki jekk l-Artikolu 63 TFUE ma jistax jiġi invokat b'mod ġenerali fir-rigward tar-Regoli dwar it-Trasferiment ta' Grupp, jista' madankollu jiġi invokat:
   a) fir-rigward ta' movimenti ta' kapital minn kumpannija omm residenti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea lejn kumpannija sussidjarja residenti fl-Isvizzera, meta l-kumpannija omm għandha 100 % tal-azzjonijiet kemm tal-kumpannija sussidjarja residenti fl-Isvizzera kif ukoll tal-kumpannija sussidjarja residenti fir-Renju Unit li hija suġġetta għall-obbligu fiskali inkwitsjoni?
   b) fir-rigward ta' moviment ta' kapital minn kumpannija 100 % sussidjarja, residenti fir-Renju Unit, lil kumpannija 100 % sussidjarja, residenti fl-Isvizzera, li huma proprjetà tal-istess kumpannija omm residenti fi Stat Membru tal-Unjoni, fid-dawl tal-fatt li iż-żewġ kumpanniji huma kumpanniji oħt u ma jinsabux f'relazzjoni ta' kumpannija omm ma' kumpannija sussidjarja?

3) Leġiżlazzjoni, bħalma huma r-Regoli dwar it-Trasferiment ta' Grupp, li timponi obbligu fiskali immedjat fuq trasferiment ta' assi minn kumpannija residenti fir-Renju Unit lill-kumpannija oħt li hija residenti fl-Isvizzera (u li ma teżerċitax attività ekonomika fir-Renju Unit permezz ta' stabbiliment permanenti), fil-każ fejn l-imsemmija kumpanniji huma t-tnejn li huma 100 % sussidjarji tal-istess kumpannija omm, li hija residenti fi Stat Membru ieħor, f'ċirkustanzi fejn tali trasferiment jitwettaq fuq bażi fiskali newtrali li kieku l-kumpannija oħt kienet ukoll residenti fir-Renju Unit (jew li kieku kienet teżerċita attività ekonomika fir-Renju Unit

permezz ta' stabbiliment permanenti), tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tal-kumpannija omm sanċita fl-Artikolu 49 TFEU jew inkella, jekk relevanti, restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital sanċita fl-Artikolu 63 TFEU?

4) Jekk jitqies li l-Artikolu 63 TFUE jista' jiġi invokat:
   a) it-trasferiment ta' Brands u ta' assi relatati minn GL [lill-kumpannija Svizzera], għal korrispettiv li kien intiż li jirrifletti il-valur tas-suq ta' Brands, huwa moviment ta' kapital għall-finijiet tal-Artikolu 63 TFUE?
   b) Il-movimenti ta' kapital [mill-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi lill-kumpannija Svizzera], il-kumpannija sussidjarja tagħha residenti fl-Isvizzera, jikkostitwixxu investiment dirett għall-għanijiet tal-Artikolu 64 TFEU?
   c) peress li l-Artikolu 64 TFEU japplika biss għal ċerti tipi ta' movimenti ta' kapital, l-Artikolu 64 jista' japplika f'ċirkustanzi fejn movimenti ta' kapital jistgħu jiġu kkaratterizzati kemm bħala investimenti diretti (li għalihom isir riferiment fl-Artikolu 64 TFEU) kif ukoll bħala tip ieħor ta' moviment ta' kapital li għalih ma jsirx riferiment fl-Artikolu 64 TFEU?

5) Jekk kien hemm restrizzjoni, sa fejn huwa paċifiku li r-restrizzjoni kienet bħala prinċipju ġġustifikata għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali (jiġifieri, il-ħtieġa li jinżamm tqassim ibbilanċjat ta' drittijiet ta' ntaxxar), ir-restrizzjoni kienet neċessarja u proporzjonata fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari f'ċirkustanzi fejn il-persuna taxxabbli [kontribwent] inkwistjoni għamlet dħul mit-trasferiment tal-assi li kien ekwivalenti għall-valur sħiħ tas-suq tal-assi?

6) Jekk kien hemm ksur tal-libertà ta' stabbiliment u/jew tad-dritt għal moviment liberu tal-kapital:
   a) id-dritt tal-Unjoni jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi interpretata, jew ma tiġix applikata, b'tali mod li GL tingħata l-possibbiltà li tiddiferixxi l-ħlas tat-taxxa;
   b) jekk dan huwa l-każ id-dritt tal-Unjoni jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi interpretata, jew ma tiġix applikata, b'tali mod li GL tingħata l-possibbiltà li tiddiferixxi l-ħlas tat-taxxa sakemm l-assi jiġu ttrasferiti 'l barra mis-sotto grupp li tiegħu hija kumpannija parent [omm] il-kumpannija residenti fl-Istat Membru l-ieħor (jiġifieri 'fuq bażi ta' realizzazzjoni') jew inkella l-possibbiltà li t-taxxa titħallas bin-nifs (jiġifieri 'fuq bażi ta' ħlas bin-nifs') tista' tipprovdi rimedju proporzjonali;
   c) jekk, bħala prinċipju, possibbiltà li t-taxxa titħallas bin-nifs tista' tkun rimedju proporzjonali:
      i) dan huwa l-każ biss jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi l-possibbiltà, fiż-żmien tat-trasferiment tal-assi, jew inkella huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni li tali possibbiltà tiġi pprovduta bħala rimedju *a posteriori* (jiġifieri li l-qorti nazzjonali tipprovdi tali possibbiltà *a posteriori* billi tapplika interpretazzjoni konformi tal-leġiżlazzjoni jew billi ma tapplikax din il-leġiżlazzjoni);
      ii) id-dritt tal-Unjoni jeżiġi li l-qrati nazzjonali jipprevedu rimedju li jindaħal mill-inqas possibbli mal-libertà rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, jew inkella huwa suffiċjenti li l-qorti nazzjonali tipprovdi rimedju li, filwaqt li huwa proporzjonali, jitbiegħed mill-inqas possibbli mid-dritt nazzjonali eżistenti;
      iii) liema perijodu ta' ħlas bin-nifs huwa neċessarju; u
      iv) rimedju li jinvolvi pjan ta' ħlasijiet bin-nifs li fil-kuntest tiegħu l-pagamenti jsiru dovuti qabel id-data tad-determinazzjoni finali tal-kwistjonijiet bejn il-partijiet tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-data ta' meta l-pagamenti jsiru dovuti għandha tkun fil-ġejjieni?"

**Fuq it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura**

42 Wara l-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, GL, permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Settembru 2022, talbet li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

43 Insostenn ta' din it-talba, GL issostni, essenzjalment, li l-Avukat Ġenerali fehem b'mod żbaljat ċerti aspetti tad-dritt tar-Renju Unit kif ukoll ta' ċerti fatti tal-kawża prinċipali, li jiġġustifika ż-żamma ta' seduta.

44 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu jippreżenta pubblikament, bl-ikbar imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, skont l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jeħtieġu l-intervent tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja la hija marbuta b'dawn il-konklużjonijiet u lanqas bil-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Avukat Ġenerali jasal għalihom (sentenza tat-8 ta' Settembru 2022, Finanzamt R (Tnaqqis tal-VAT marbut ma' kontribuzzjoni ta' soċju), C-98/21, EU:C:2022:645, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Għandu jitfakkar ukoll li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-Regoli tal-Proċedura ma jipprevedux il-possibbiltà għall-partijiet kkonċernati li jippreżentaw osservazzjonijiet bi tweġiba għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali. Konsegwentement, in-nuqqas ta' qbil ta' parti kkonċernata mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ikunu xi jkunu l-kwistjonijiet li huwa jeżamina fihom, fih innifsu ma jistax jikkostitwixxi raġuni li tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura (sentenza tat-8 ta' Settembru 2022, Finanzamt R (Tnaqqis tal-VAT marbut ma' kontribuzzjoni ta' soċju), C-98/21, EU:C:2022:645, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Permezz tal-argumenti tagħha, jidher li GL qed tipprova tirrispondi għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali billi tpoġġi f'dubju wħud mill-evalwazzjonijiet tiegħu.

47 Ċertament, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew inkella meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma kienx indirizzat mill-partijiet jew mill-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

48 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-allegati żbalji ta' fatt u ta' liġi invokati minn GL ma jiġġustifikawx il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

49 Minn naħa, għal dak li jirrigwarda l-allegat ftehim żbaljat tad-dritt nazzjonali, għandu jiġi rrilevat li GL tinvoka żball ta' evalwazzjoni bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04, EU:C:2007:161). Madankollu, il-fatt li GL tinterpreta b'mod differenti din is-sentenza ma jistax jikkostitwixxi żball ta' evalwazzjoni tal-kuntest ġuridiku nazzjonali, li d-deskrizzjoni tiegħu magħmula fil-punti 7 sa 14 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma hijiex ikkontestata minn din il-kumpannija.

50 Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-allegat ftehim żbaljat ta' ċerti fatti fil-kawża prinċipali, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-analiżi tal-Avukat Ġenerali fil-konklużjonijiet tiegħu hija bbażata fuq il-fatti kif ġew ikkomunikati mill-qorti tar-rinviju u ppreżentati fil-punti 15 sa 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

51 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, tqis li hija għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

52 Għaldaqstant, ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

53 Mill-Artikolu 86 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020, jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja għad għandha ġurisdizzjoni, minkejja l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fil-31 ta' Jannar 2020, sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwar it-talbiet tal-qrati tar-Renju Unit, imressqa qabel it-tmiem tal-perijodu tranżitorju stabbilit għal-31 ta' Diċembru 2020. Dan huwa l-każ ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Diċembru 2020 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Tesco Stores, C-624/19, EU:C:2021:429, punt 17). Minn dan isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari f'din il-kawża.

### *Fuq l-ewwel u t-tieni domanda*

54 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 63 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tapplika biss għall-gruppi ta' kumpanniji taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

55 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali taqax taħt waħda jew l-oħra mil-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan tal-leġiżlazzjoni kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' April 2022, Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö (Eżenzjoni ta' fondi ta' investiment kuntrattwali), C-342/20, EU:C:2022:276, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE leġiżlazzjoni nazzjonali li hija intiża li tapplika biss għall-ishma li jippermettu li tiġi eżerċitata influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' kumpannija u li jiġu ddeterminati l-attivitajiet tagħha. Min-naħa l-oħra, dispożizzjonijiet nazzjonali li japplikaw għal ishma miksuba biss bl-intenzjoni li jsir investiment finanzjarju mingħajr l-intenzjoni li jiġu influwenzati t-tmexxija u l-kontroll tal-impriża għandhom jiġu eżaminati esklużivament fid-dawl tal-moviment liberu tal-kapital (sentenza tat-13 ta' Novembru 2012, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-35/11, EU:C:2012:707, punti 91 u 92 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

57 Barra minn hekk, meta miżura nazzjonali tkun tirrigwarda kemm il-libertà ta’ stabbiliment kif ukoll il-moviment liberu tal-kapital, il-miżura inkwistjoni għandha, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, tiġi eżaminata, bħala prinċipju, fid-dawl ta’ waħda biss minn dawn iż-żewġ libertajiet jekk jirriżulta li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, waħda minnhom hija kompletament sekondarja meta mqabbla mal-oħra u tista’ tiġi assoċjata magħha (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta’ Settembru 2009, Glaxo Wellcome, C-182/08, EU:C:2009:559, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, sa fejn leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tirrigwarda biss relazzjonijiet fi ħdan grupp ta’ kumpanniji, hija taffettwa b’mod predominanti l-libertà ta’ stabbiliment (sentenza tas-26 ta’ Ġunju 2008, Burda, C-284/06, EU:C:2008:365, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 F’dan il-każ, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tirrigwarda t-trattament fiskali tat-trasferimenti tal-attivi fi ħdan l-istess grupp ta’ kumpanniji. Bl-istess mod, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-regoli dwar it-trasferiment ta’ grupp japplikaw biss għat-trasferimenti mwettqa fi ħdan grupp ta’ kumpanniji, peress li l-kunċett ta’ “grupp ta’ kumpanniji” huwa ddefinit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali bħala li jirreferi għal kumpannija u s-sussidjarji tagħha miżmuma b’75 % tal-ishma kif ukoll is-sussidjarji tagħha miżmuma huma stess b’75 % tal-ishma.

60 Barra minn hekk, kif jenfasizza l-Gvern tar-Renju Unit, jidher li dawn ir-regoli japplikaw għat-trasferimenti ta’ attivi bejn kumpannija omm u s-sussidjarji (jew sussidjarji) li fuqhom hija teżerċita influwenza diretta (jew indiretta) ċerta kif ukoll għat-trasferimenti ta’ attivi bejn sussidjarji (jew sottosussidjarji) aħwa li għandhom kumpannija omm komuni li teżerċita influwenza ċerta fuqhom. F’dawn iż-żewġ każijiet, ir-regoli dwar it-trasferiment ta’ grupp jidhru li japplikaw minħabba l-parteċipazzjoni tal-kumpannija omm fil-kapital tas-sussidjarji tagħha, li tippermettilha teżerċita influwenza ċerta fuq is-sussidjarji tagħha.

61 Jekk jitqies li l-imsemmija regoli għandhom effetti restrittivi fuq il-moviment liberu tal-kapital, tali effetti jkunu l-konsegwenza inevitabbli ta’ ostakolu eventwali għal-libertà ta’ stabbiliment u ma jiġġustifikawx, għalhekk, eżami awtonomu tagħhom fid-dawl tal-Artikolu 63 TFUE (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta’ Lulju 2007, Oy AA, C-231/05, EU:C:2007:439, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Għaldaqstant, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħar-regoli dwar it-trasferiment ta’ grupp, li tapplika biss għall-gruppi ta’ kumpanniji, taqa’ b’mod predominanti fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE li jiggarantixxi l-libertà ta’ stabbiliment, mingħajr ma jkun neċessarju li tiġi eżaminata fid-dawl tal-moviment liberu tal-kapital iggarantit mill-Artikolu 63 TFUE.

63 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Artikolu 63 TFUE ma jistax, fi kwalunkwe każ, jiġi applikat f’sitwazzjoni li, bħala prinċipju, taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE, meta waħda mill-kumpanniji kkonċernati tkun fiskalment stabbilita f’pajjiż terz, li huwa l-każ tal-kumpannija Svizzera fil-kuntest tat-trasferiment tal-2011.

64 Fil-fatt, peress li t-Trattat FUE ma jestendix il-libertà ta’ stabbiliment għall-pajjiżi terzi, huwa importanti li jiġi evitat li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 63(1) TFUE, għal dak li jikkonċerna r-relazzjonijiet ma’ dawn l-Istati, tippermetti lil operaturi ekonomiċi li ma jaqgħux fil-limiti tal-kamp ta’ applikazzjoni territorjali tal-libertà ta’ stabbiliment li jibbenefikaw minnu (sentenza tal-24 ta’ Novembru 2016, SECIL, C-464/14, EU:C:2016:896, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Għaldaqstant, ma hemmx lok li tiġi eżaminata, b'mod komplementari, l-applikabbiltà tal-Artikolu 63 TFUE kif imsemmija fil-formulazzjoni tat-tieni domanda.

66 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel u għat-tieni domanda hija li l-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tapplika biss għall-gruppi ta' kumpanniji ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

### *Fuq it-tielet domanda*

67 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta għal obbligu fiskali immedjat trasferiment tal-attivi imwettaq minn kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru lejn kumpannija oħt li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa f'pajjiż terz u li ma teżerċitax attività kummerċjali f'dan l-Istat Membru permezz ta' stabbiliment permanenti, fil-każ fejn dawn iż-żewġ kumpanniji huma wkoll sussidjarji miżmuma b'100 % tal-ishma minn kumpannija omm li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru ieħor, tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment, fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE, ta' din il-kumpannija omm, f'ċirkustanzi li fihom tali trasferiment kien iseħħ fuq bażi fiskalment newtrali li kieku l-kumpannija oħt kellha wkoll ir-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fl-ewwel Stat Membru jew eżerċitat hemmhekk attività permezz ta' stabbiliment permanenti.

68 Qabelxejn, għandu jiġi osservat, bħalma għamel l-Avukat Ġenerali fil-punti 41 u 42 tal-konklużjonijiet tiegħu, minn naħa, li t-tielet domanda tirrigwarda biss it-tip ta' tranżazzjonijiet li jikkorrispondu għat-trasferiment tal-2011, jiġifieri trasferiment ta' attivi minn kumpannija suġġetta għat-taxxa fir-Renju Unit lil kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa f'pajjiż terz, f'dan il-każ fl-Isvizzera, u li ma hijiex suġġetta għat-taxxa fir-Renju Unit.

69 Min-naħa l-oħra, din il-kwistjoni tirrigwarda s-sitwazzjoni fejn kumpannija omm, f'dan il-każ il-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi, tkun eżerċitat il-libertà tagħha skont l-Artikolu 49 TFUE billi stabbilixxiet sussidjarja fir-Renju Unit, f'dan il-każ GL.

70 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-libertà ta' stabbiliment, li l-Artikolu 49 TFUE jirrikonoxxi liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, tinkludi, skont l-Artikolu 54 TFUE, għall-kumpanniji kkostitwiti konformement mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali tagħhom jew l-istabbiliment prinċipali tagħhom ġewwa l-Unjoni, id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fi Stati Membri oħra permezz ta' sussidjarja, ta' fergħa jew ta' aġenzija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2022, W (Tnaqqis tat-telf definittiv ta' stabbiliment permanenti mhux residenti), C-538/20, EU:C:2022:717, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 Il-libertà ta' stabbiliment hija intiża sabiex tiżgura l-benefiċċju tat-trattament nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra u lill-kumpanniji msemmija fl-Artikolu 54 TFUE u tipprojbixxi, fir-rigward tal-kumpanniji, kull diskriminazzjoni bbażata fuq il-post tas-sede (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2022, Contship Italia, C-433/21 u C-434/21, EU:C:2022:760, punt 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

72 Issa, kif ikkonstata l-Avukat Ġenerali fil-punt 45 tal-konklużjonijiet tiegħu, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħar-regoli dwar it-trasferiment ta' grupp, ma twassal għal ebda differenza fit-trattament skont il-post ta' residenza għal finijiet ta' taxxa tal-kumpannija omm, sa fejn hija tittratta sussidjarja li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit ta' kumpannija omm li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru bl-istess mod bħal kumpannija sussidjarja li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit ta' kumpannija omm li għandha s-sede tagħha fir-Renju Unit. F'dan il-każ, jidher għalhekk li GL kienet tirċievi l-istess trattament fiskali li kieku l-kumpannija omm, jiġifieri l-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi, kellha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit.

73 Minn dan isegwi li tali leġiżlazzjoni nazzjonali ma tittrattax b'mod inqas favorevoli lil sussidjarja ta' kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru meta mqabbla ma' sussidjarja paragunabbli ta' kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit.

74 Għaldaqstant, tali leġiżlazzjoni ma twassal għal ebda restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment fir-rigward tal-kumpannija omm.

75 Din il-konklużjoni ma tmurx kontra l-argumenti mqajma minn GL. Skont din tal-aħħar, l-inkapaċità li tittrasferixxi l-attivi ta' GL, kumpannija li għandha r-residenza tagħha fir-Renju Unit akkwistata mill-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi, lil sussidjarja ta' din tal-aħħar fuq bażi fiskalment newtrali għamlet inqas attraenti l-akkwist ta' GL mill-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi u setgħet tiddisswadiha milli twettaq dan l-akkwist.

76 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-ġurisprudenza invokata minn GL, li tgħid li teżisti restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment meta miżura tagħmel "inqas attraenti l-eżerċizzju ta' din il-libertà", tkopri s-sitwazzjonijiet li huma distinti minn dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri sitwazzjonijiet li fihom kumpannija li tipprova teżerċita l-libertà ta' stabbiliment tagħha fi Stat Membru ieħor issofri żvantaġġ meta mqabbla ma' kumpannija simili li ma teżerċitax din il-libertà (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2011, National Grid Indus, C-371/10, EU:C:2011:785, punti 36 u 37).

77 Madankollu, f'dan il-każ, ir-regoli dwar it-trasferiment ta' grupp jissuġġettaw għal obbligu fiskali immedjat it-trasferiment ta' attivi, imwettaq minn sussidjarja li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit ta' kumpannija omm li ma għandhiex ir-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit, lejn pajjiż terz u jimponu l-istess obbligu fiskali fis-sitwazzjoni paragunabbli ta' trasferiment ta' attivi, imwettaq minn sussidjarja li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit ta' kumpannija omm li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit, lejn pajjiż terz.

78 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hija li l-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta għal obbligu fiskali immedjat trasferiment tal-attivi imwettaq minn kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru lejn kumpannija oħt li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa f'pajjiż terz u li ma teżerċitax attività kummerċjali f'dan l-Istat Membru permezz ta' stabbiliment permanenti, fil-każ fejn dawn iż-żewġ kumpanniji huma wkoll sussidjarji miżmuma b'100 % tal-ishma minn kumpannija omm li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru ieħor, ma tikkostitwixxix restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment, fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE, ta' din il-kumpannija omm, f'ċirkustanzi li fihom tali

trasferiment kien iseħħ fuq bażi fiskalment newtrali li kieku l-kumpannija oħt kellha wkoll ir-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fl-ewwel Stat Membru jew eżerċitat hemmhekk attività permezz ta' stabbiliment permanenti.

*Fuq ir-raba' domanda*

79 Peress li r-raba' domanda saret b'mod sussidjarju, jiġifieri biss fl-ipoteżi ta' risposta fl-affermattiv mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel u għat-tieni domanda għal dak li jikkonċerna l-applikabbiltà, f'dan il-każ, tal-Artikolu 63 TFUE, ma hemmx lok li tingħata risposta għal din id-domanda.

*Fuq il-ħames domanda*

80 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li restrizzjoni tad-dritt għal-libertà ta' stabbiliment li tirriżulta mid-differenza fit-trattament bejn it-trasferimenti nazzjonali u dawk transkonfinali ta' attivi li jsiru b'titolu oneruż fi ħdan grupp ta' kumpanniji skont leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta għal obbligu fiskali immedjat trasferiment ta' attivi li jsir minn kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit, tista', bħala prinċipju, tkun iġġustifikata min-neċessità li jiġi ppreservat it-tqassim ibbilanċjat tad-drittijiet ta' intaxxar bejn l-Istati Membri, mingħajr ma jkun meħtieġ li tkun prevista l-possibbiltà ta' posponiment tal-ħlas tat-taxxa sabiex tiġi ggarantita n-natura proporzjonata ta' din ir-restrizzjoni, meta l-kontribwent ikkonċernat ikun kiseb, inkambju għat-trasferiment tal-attivi, ammont ugwali għall-valur sħiħ tas-suq ta' dawk l-attivi.

81 Qabelxejn, għandu jiġi ppreċiżat li ma hemmx lok li tingħata risposta għal din id-domanda fil-kuntest tat-trasferiment tal-2011. Minn naħa, skont ir-risposta mogħtija għat-tielet domanda, leġiżlazzjoni bħar-regoli dwar it-trasferiment ta' grupp ma twassal għall-ebda restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment fir-rigward tal-kumpannija omm. Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda restrizzjoni eventwali għal-libertà ta' stabbiliment fir-rigward ta' GL, għandu jiġi kkonstatat li trasferiment ta' attivi minn kumpannija suġġetta għat-taxxa fir-Renju Unit lil kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fl-Isvizzera u li ma hijiex suġġetta għat-taxxa fir-Renju Unit ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE, peress li l-Konfederazzjoni Svizzera ma hijiex Stat Membru. Fil-fatt, it-Trattat FUE ma jestendix il-libertà ta' stabbiliment għall-pajjiżi terzi u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE ma jestendix għall-każ tal-istabbiliment ta' kumpannija ta' Stat Membru f'pajjiż terz (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-10 ta' Mejju 2007, A u B, C-102/05, EU:C:2007:275, punt 29).

82 Għal dak li jirrigwarda t-trasferiment tal-2014, li fil-kuntest tiegħu GL ittrasferixxiet ishma ta' kumpannija sussidjarja lill-kumpannija tal-Pajjiżi l-Baxxi, huwa paċifiku li r-regoli dwar it-trasferiment ta' grupp iwasslu għal trattament fiskali differenti fost il-kumpanniji suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji fir-Renju Unit li jagħmlu trasferimenti ta' attivi intragrupp, skont jekk it-trasferiment inkwistjoni jsirx għall-benefiċċju ta' kumpannija Brittanika jew ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru. Filwaqt li ebda obbligu fiskali ma jitnissel meta tali kumpannija tittrasferixxi attivi lil kumpannija tal-grupp suġġetta għat-taxxa fir-Renju Unit, dawn ir-regoli ma jipprevedux tali benefiċċju meta t-trasferiment isir, bħal fil-kuntest tat-trasferiment tal-2014, favur kumpannija tal-grupp suġġetta għat-taxxa fi Stat Membru ieħor.

83 Minn dan isegwi li tali regoli jikkostitwixxu restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment sa fejn dawn iwasslu għal trattament fiskali inqas favorevoli tal-kumpanniji suġġetti għat-taxxa fir-Renju Unit li jwettqu trasferimenti ta' attivi intragrupp lil kumpanniji li ma humiex suġġetti għat-taxxa fir-Renju Unit meta mqabbla mal-kumpanniji suġġetti għat-taxxa fir-Renju Unit li jagħmlu trasferimenti ta' attivi intragrupp lil kumpanniji suġġetti għat-taxxa fir-Renju Unit.

84 Il-qorti tar-rinviju tidher li tammetti li tali restrizzjoni tista' tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, jiġifieri n-neċessità li jiġi ppreżervat it-tqassim ibbilanċjat tad-drittijiet ta' intaxxar bejn l-Istati Membri.

85 Skont il-Gvern tar-Renju Unit, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-preservazzjoni ta' tqassim ibbilanċjat tad-drittijiet ta' intaxxar seta', bħala prinċipju, jiġġustifika differenza fit-trattament bejn it-tranżazzjonijiet transkonfinali u t-tranżazzjonijiet imwettqa fi ħdan l-istess kompetenza fiskali. Dan il-gvern iqis li l-miżuri nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jsegwu tali għan, huma proporzjonati u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tagħhom.

86 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi, il-ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċessità li jiġi ppreservat it-tqassim ibbilanċjat tad-drittijiet ta' intaxxar bejn l-Istati Membri tista' tkun ammessa meta s-sistema inkwistjoni tkun intiża sabiex tipprevjeni aġir li jista' jikkomprometti d-dritt ta' Stat Membru li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fit-territorju tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2021, Lexel, C-484/19, EU:C:2021:34, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

87 Madankollu, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali u r-restrizzjoni li hija timplika ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2017, Euro Park Service, C-14/16, EU:C:2017:177, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

88 Kif ikkonstata l-Avukat Ġenerali fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-unika kwistjoni li dwarha l-partijiet fil-kawża prinċipali ma jaqblux tikkonċerna n-natura proporzjonata, fir-rigward tal-imsemmi għan, tal-eżiġibbiltà immedjata tal-ħlas tat-taxxa inkwistjoni, mingħajr għażla ta' posponiment tal-ħlas. Fil-fatt, id-domanda tal-qorti tar-rinviju tidher li tirrigwarda, fir-realtà, il-konsegwenza li tirriżulta mill-esklużjoni ta' GL mill-benefiċċju tal-eżenzjoni fiskali mir-regoli dwar it-trasferiment ta' grupp, jiġifieri l-fatt li l-ammont tat-taxxa dovuta huwa immedjatament eżiġibbli.

89 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li peress li l-Istati Membri jistgħu jintaxxaw il-qligħ kapitali li jkun ġie ġġenerat meta l-attivi inkwistjoni kienu jinsabu fit-territorju tagħhom, huma għandhom is-setgħa li jipprevedu fatt taxxabbli differenti minn dak tas-seħħ effettiv ta' dan il-qligħ kapitali, sabiex tiġi ggarantita t-tassazzjoni ta' dawn l-attivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, Verder LabTec, C-657/13, EU:C:2015:331, punt 45). Jidher li Stat Membru jista' jissuġġetta l-qligħ kapitali mhux realizzat għal obbligu fiskali sabiex jiżgura t-tassazzjoni ta' dawn l-attivi.

90 Madankollu, leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi l-irkupru immedjat tat-taxxa relatata mal-qligħ kapitali mhux realizzat iġġenerat fil-kuntest tal-kompetenza fiskali tiegħu, fil-każ tat-trasferiment tas-sede ta' amministrazzjoni effettiva ta' kumpannija barra mit-territorju tiegħu, tqieset sproporzjonata, minħabba l-eżistenza ta' miżuri inqas restrittivi għal-libertà ta' stabbiliment mill-irkupru immedjat ta' din it-taxxa. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset

li l-persuna taxxabbli għandha tingħata l-għażla bejn, minn naħa, il-ħlas immedjat ta' din it-taxxa, u, min-naħa l-oħra, il-posponiment tal-ħlas tal-ammont tal-imsemmija taxxa, flimkien, skont il-każ, mal-interessi skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli (sentenza tas-16 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-591/13, EU:C:2015:230, punt 67).

91 F'dan il-kuntest, hekk kif ikkonstata l-Avukat Ġenerali fil-punt 68 tal-konklużjonijiet tiegħu, meta ssir distinzjoni bejn il-qligħ kapitali magħmul miċ-ċedent tal-attivi fi ħdan grupp ta' kumpanniji u l-qligħ kapitali mhux irrealizzat, żewġ ċirkustanzi huma partikolarment rilevanti, jiġifieri, minn naħa, il-fatt li l-każijiet kollha ta' tassazzjoni tal-ħruġ huma kkaratterizzati mill-problema ta' likwidità li jaffaċċja l-kontribwent li għandu jħallas taxxa fuq il-qligħ kapitali li huwa għadu ma għamilx u, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-awtoritajiet fiskali għandhom jiżguraw il-ħlas tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali magħmul matul il-perijodu li matulu l-attivi kienu jinsabu taħt il-kompetenza fiskali tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2011, National Grid Indus, C-371/10, EU:C:2011:785, punt 52) u li r-riskju ta' nuqqas ta' ħlas tat-taxxa jista' jiżdied bil-mogħdija taż-żmien (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Novembru 2011, National Grid Indus, C-371/10, EU:C:2011:785, punt 74, u tal-21 ta' Mejju 2015, Verder LabTec, C-657/13, EU:C:2015:331, punt 50).

92 Issa, fil-każ ta' qligħ kapitali magħmul wara trasferiment ta' attivi, il-kontribwent, bħala prinċipju, ma jaffaċċjax problema ta' likwidità u jista' jħallas it-taxxa fuq il-qligħ kapitali mill-qligħ ta' dan it-trasferiment ta' attivi. F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju kif ukoll mill-formulazzjoni stess tal-ħames domanda jirriżulta li, fir-rigward tat-trasferiment tal-2014, huwa paċifiku li GL irċeviet inkambju għalih remunerazzjoni li tikkorrispondi għall-valur tas-suq tal-attivi kkonċernati mill-imsemmi trasferiment. Konsegwentement, il-qligħ kapitali li għalih GL kienet suġġetta għat-taxxa kien jikkorrispondi għall-qligħ kapitali magħmul.

93 Għalhekk, f'ċirkustanzi fejn, minn naħa, il-qligħ kapitali jkun sar fiż-żmien tal-fatt taxxabbli, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet fiskali għandhom jiżguraw il-ħlas tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali magħmul matul il-perijodu li matulu l-attivi jinsabu taħt il-kompetenza fiskali tagħhom u, fl-aħħar nett, ir-riskju ta' nuqqas ta' ħlas tat-taxxa jista' jiżdied bil-mogħdija taż-żmien, obbligu fiskali li jista' jiġi rkuprat immedjatament jidher proporzjonat għall-għan li jiġi ppreservat tqassim ibbilanċjat tad-drittijiet ta' intaxxar bejn l-Istati Membri, mingħajr ma għandha tingħata l-possibbiltà ta' posponiment tal-ħlas lill-kontribwent.

94 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ħames domanda hija li l-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li restrizzjoni tad-dritt għal-libertà ta' stabbiliment li tirriżulta mid-differenza fit-trattament bejn it-trasferimenti nazzjonali u dawk transkonfinali ta' attivi li jsiru b'titolu oneruż fi ħdan grupp ta' kumpanniji skont leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta għal obbligu fiskali immedjat trasferiment ta' attivi li jsir minn kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit, tista', bħala prinċipju, tkun iġġustifikata min-neċessità li jiġi ppreservat it-tqassim ibbilanċjat tad-drittijiet ta' intaxxar bejn l-Istati Membri, mingħajr ma jkun meħtieġ li tkun prevista l-possibbiltà ta' posponiment tal-ħlas tat-taxxa sabiex tiġi ggarantita n-natura proporzjonata ta' din ir-restrizzjoni, meta l-kontribwent ikkonċernat ikun kiseb, inkambju għat-trasferiment tal-attivi, ammont ugwali għall-valur sħiħ tas-suq ta' dawk l-attivi.

### *Fuq is-sitt domanda*

95 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għal-ħames domanda, ma hemmx lok li s-sitt domanda tingħata risposta.

## Fuq l-ispejjeż

96 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tapplika biss għall-gruppi ta' kumpanniji ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.**

2) **L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta għal obbligu fiskali immedjat trasferiment tal-attivi imwettaq minn kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru lejn kumpannija oħt li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa f'pajjiż terz u li ma teżerċitax attività kummerċjali f'dan l-Istat Membru permezz ta' stabbiliment permanenti, fil-każ fejn dawn iż-żewġ kumpanniji huma wkoll sussidjarji miżmuma b'100 % tal-ishma minn kumpannija omm li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru ieħor, ma tikkostitwixxix restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment, fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE, ta' din il-kumpannija omm, f'ċirkustanzi li fihom tali trasferiment kien iseħħ fuq bażi fiskalment newtrali li kieku l-kumpannija oħt kellha wkoll ir-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fl-ewwel Stat Membru jew eżerċitat hemmhekk attività permezz ta' stabbiliment permanenti.**

3) **L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li restrizzjoni tad-dritt għal-libertà ta' stabbiliment li tirriżulta mid-differenza fit-trattament bejn it-trasferimenti nazzjonali u dawk transkonfinali ta' attivi li jsiru b'titolu oneruż fi ħdan grupp ta' kumpanniji skont leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta għal obbligu fiskali immedjat trasferiment ta' attivi li jsir minn kumpannija li għandha r-residenza tagħha għal finijiet ta' taxxa fir-Renju Unit, tista', bħala prinċipju, tkun iġġustifikata min-neċessità li jiġi ppreservat it-tqassim ibbilanċjat tad-drittijiet ta' intaxxar bejn l-Istati Membri, mingħajr ma jkun meħtieġ li tkun prevista l-possibbiltà ta' posponiment tal-ħlas tat-taxxa sabiex tiġi ggarantita n-natura proporzjonata ta' din ir-restrizzjoni, meta l-kontribwent ikkonċernat ikun kiseb, inkambju għat-trasferiment tal-attivi, ammont ugwali għall-valur sħiħ tas-suq ta' dawk l-attivi.**

Firem